**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 23 ta' Gunju 2023**

**<u>Rikors nru : 290/2023 AGV ;</u>**

**S J W** iben JM W u J W nee S, imwieled gewwa Perivale, gewwa r-Renju Unit.

Vs

**C L W**, mart SJ W, bint R J u M P J nee C imwielda Carmarthen, Wales, gewwa Renju Unit.

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors kongunt ta'  SJW  u CL W, datat 19 ta' Mejju  2023,**

Illi il-partijiet izzewwgu fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005) u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom mahrug mill-Municipalita' ta' Geroskipou, gewwa distrett ta' Pafos, Cipru hawn anness u mmarkat bhala **Dok. CW1**;

Illi il-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat in atti tan-Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni fil-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) hawn anness u mmarkat bhala **Dok. CW2**;

Illi minn dan iż-żwieg taghhom il-partijiet ghandhom zewg t'itfal;

Illi l-partijiet ilhom *de facto* isseparati għal aktar minn sitt snin u dan kif inhu iddikjarat fil-kuntrat ta' separazzjoni hawn fuq surreferit klawsola wiehed (1);

Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reċiproċi dwar manteniment;

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi llum ghandhom ħajja totalment separati minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib ta’ divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**Għaldaqstant ir-rikorrent, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:**

1. Tippronunzja d-divorzju, *ossia* l-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar l-14 ta’ Otturbu 2005**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**